# RAPPORT TA' INKJESTA DWAR IR-RIŻULTATI TAL-EŻAMIJIET ANNWALI TA' YEAR 11

# WERREJ

1. PREAMBOLU

2. SFOND

3. KONSIDERAZZJONIJIET

4. RAKKOMANDAZZJONIJIET

5. L-ANNESS BI TLETT KOPJI TA' "LETTER CIRCULARS" *TAD-DIPARTIMENT (DLAP) IRREFERUTI FIR-RAPPORT U KOPJA* TAL-EMEJL TAL-KAP T*AL-ISKOLA.*

**PREAMBOLU**

Permezz ta' email datat 14 ta' Lulju, 2021 mibgħut minn Marco Bonnici, President tal-Malta Union of Teachers (MUT) lil Dr. Francis Fabri, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, ġie allegat dan li jsegwi:-

*"The MUT is receiving information that MFED has interfered in the issuing of marks by including or changing marks for a number of students who were absent during assessments. Teachers are reporting that they found out that marks have been included or altered for a number of students and this was carried out by MFED without teacher's consent. Whilst this is a very dubious and abusive procedure and the motive behind it is highly questionable, teachers cannot be held responsible for such marks. MUT condemns this direct interference of MFED in the work of teachers and is requesting an independent investigation of the same".*

Fl-istess jum tar-reċezzjoni tal-email, l-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni Dr. Justyne Caruana, ħatret Bord ta' Inkjesta, kompost mill-Imħallef Philip Sciberras u s-Sinjuri George Borg u Emile Vassallo. Aktar tard, fuq oġġezzjoni tal-MUT, is-Sur Emile Vassallo ġie sostitwit bis-Sinjura Anna Maria Gilson. Il-Bord żamm numru ta' laqgħat li matulhom irċeva diversi dokumenti.

It-"terms of reference" assenjati lill-Bord kienu jikkonsistu fis-segwenti:-

- *Establish all the facts related to the MUT'S public statement*
- *Decide whether the allegations made by the Malta Union of Teachers in the public statement are based on informed evidence*
- *Decide whether the procedure referred to in the MUT's public statement, if existing, is "dubious", "abusive" and "has questionable motives"*
- *Establish whether the "condemnation" expressed by MUT in the public statement is justified or not*
- *Establish and report on any incorrect and/or irregular practice determined during the investigation*
- *If there is evidence that the allegations are true, establish (a) the extent of the students who were affected by this abusive action, and (b) the person/s who instigated such an action to occur*
- *Make any recommendation as deemed necessary*

**SFOND**

Jiġi qabel xejn premess illi skond kif rilevat mix-xhieda ta' **Marco Bonnici**, President tal-MUT, (seduta 22/7/2021)l-Union irċeviet ilment mingħand xi għalliema tal-Kulleġġ Santa Margerita (speċifikament identifikat) illi l-marki ta' xi studenti, li ma attendewx għall-eżamijiet jew matul is-sena skolastika, ma kienux dawk riflessi minnhom. Dejjem skond dan ix-xhud, l-qofol tal-kwistjoni primarja *"hija dawn il-marki minn fejn ġew u min inputtjahom u għal liema raġuni"* ġjaladarba, fi kliemu stess, *"l-għalliema ma kienux informati b'dan il-proċess, ma ġewx ikkonsultati u fl-ebda ħin ovvjament ma taw l-approvazzjoni tagħhom li jintmissu r-riżultati"*. Fl-istess direzzjoni hi d-deposizzjoni ta' **Elaine Germani**, Senior Vice-President tal-MUT (sed. 22/7/2021).

Hu evidentement distingwibbli mill-provi dokumentali akkwiżiti illi l-"process", għal liema jirreferi x-xhud Marco Bonnici, jinsab espress fi tliet "Letter Circulars" datati rispettivament 13 ta' Marzu 2021, 22 ta' April, 2021, u 15 ta' Ġunju, 2021 li intbagħtu rispettivament minn Sandra Ebejer, Direttur fid-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar, Joseph Micallef, Education Officer fi ħdan id-dipartiment tal-Education Assessment Unit u Louis Scerri, Assistant Director, lill-Kapijiet tan-Network tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat. Fl-assjem dawn jindikaw il-miżuri li kien ser ikunu adottati u implementati għall-finijiet tal-għoti lill-istudenti taċ-Ċertifikat SSC&P. Bihom ġew ikkuppjati ukoll il-MUT, kif jirriżultaw mid-dokumenti hawn annessi u formanti parti integrali minn dan ir-rapport.

In effetti l-ħsieb informatur wara dawn il-miżuri jinsab espress b'mod ċar fl-ewwel ċirkolari tat-13 ta' Marzu, 2021 fejn jingħad dan:- *"Dawn il-miżuri qegħdin jittieħdu biex studenti li huma vulnerabbli, studenti li kienu fi kwarantina mandatorja tul il-perijodu tal-Eżamijiet Annwali u studenti li ma setgħux joqogħdu għall-Eżamijiet Annwali xorta jiksbu ċ-Ċertifikat SSC&P. B'hekk ikun żgurat li l-istudenti jkunu jistgħu jkomplu fl-edukazzjoni għolja fis-sena akkademika li jmiss"*.

Huwa xieraq għall-iskop ta' dan ir-rapport li jiġu hawn singolati fil-qosor ċerti indikaturi li jinżlu mit-tliet Ċirkolarijiet:-

**13 ta' Marzu, 2021** – *"L-istudenti tal-Ħdax-il Sena li, għal xi raġuni, ma jkunux qagħdu għal xi eżami jew għall-eżamijiet kollha tal-Annwali ħa jinħarġilhom iċ-Ċertifikat SSC&P ibbażat fuq elaborazzjoni tal-marki miksuba, fejn applikabbli, fl-assessjar li ġej: a) il-marki li kisbu fl-eżamijiet ta' Nofs is-Sena tal-10 Sena; b) il-marki li kisbu fl-assessjar tal-10 Sena; c) il-marki fl-Eżamijiet Annwali tad-9 Sena"*.

**22 ta' April, 2021** – *"Exam marks for students who were not able to sit for the Year 11 annual exams will be based on an elaboration of results obtained in the Year 9 Annual exams*

*and the Year 10 Half-Yearly exams. This exercise will be carried out by EAU with the resultant marks being sent to school for inputting in MySchool".*

Importanti li jkun denotat illi f'din iċ-Ċirkolari partikolari l-Kapijiet tal-Iskola ġew diretti jġibu għall-attenzjoni tagħha lill-għalliema, l-istudenti ta' Year 11 u l-ġenituri/gwardjani tagħhom. Fiha jingħad ukoll illi *"Students not deemed as vulnerable and who did not sit for the Year 11 annual exams in 2021 will be marked as "Absent" in the SSC&P."*

**15 ta' Gunju, 2021** - F'din insibu l-kriterji ta' kif inħadmu l-"projected marks" għal dawk l-istudenti li, in kwantu vulnerabbli, ma setgħux jattendu l-iskola jew joqogħdu għall-eżamijiet. L-eżerċizzju tekniku dwar il-"projected marks" ġie kondott mill-Professur Mark G. Borg, Lettur fl-Universita' ta' Malta u konsulent tad-Direttorat tal-Ministeru tal-Edukazzjoni. *"In coda"* f'din iċ-ċirkolari ingħad hekk: *"Schools will be receiving a list of the students together with the projected marks for each subject. Schools are asked to input these marks in MySchool by the end of the present school year, to take note of any anomalies when checking the SSC&P draft reports and to inform the Educational Assessment Unit and/or SIS about this".*

Fid-deposizzjoni tiegħu l-**Professur Mark Borg** (sed. 22/7/2021) ta spjegazzjoni tal-metodoloġija minnu adoperata fit-tfassil tal-"projected marks". Fi kliemu stess *"il-mod kif ħdimt jien hu li qbadt il-marki tal-Year 11 ta' dawk l-istudenti li għamlu l-eżami u fuq dik il-bażi ta' kif marru fil-year 10 intużat proċedura statistika li hija standard fejn int toħroġ mudell ta' how you can predict il-marki tal-Year 11 fuq il-bażi tal-Year 10 ta' dawk l-istudenti li m'għamlux il-Year 11. U għamilt metodu kompletament oġġettiv li huwa purament statistiku pero' hija metodolġija li tintuża ħafna meta wieħed jiġi f'sitwazzjoni fejn jiproġetta xi ħaġa fuq il-bażi ta' xi ħaġa oħra".*

Fl-istess seduta tat-22 ta' Lulju, 2021 xehed ukoll **Chris Borg**, Education Officer fl-iSchool Information Systems (SIS). Huwa beda biex igħid illi kien involut li jiħbor id-data mill-iskejjel, kif ukoll id-data tal-projected marks għall-fini tal-inklużjoni fiċ-Ċertifikat tal- SSC&P, u li fuq dan iċ-Ċerfikat ser ikun hemm indikat liema kienu l-projected marks abbinati mas-suġġetti. Iddikjara li kien hemm skejjel li ċemplulu għaliex sabu diffikolta' kif ser jagħmlu l-"inputting" tal-projected marks fil-MySchool għaliex ma ngħataw ebda direzzjoni. Huwa tahom parir biex idaħħlu kumment *"li this is a projected mark"....Fil-fatt kien hemm xi 12% tal-istudenti li fir-riżultat għandhom din in-nota – this is a projected mark not given by the teacher. Xi ħaġa hekk".* Spjega li l-projected mark inħadmet wara li jkunu ħarġu r-riżultati tal-eżamijiet mill-għalliema, u kien hemm studenti li qagħdu għall-uħud mill-eżamijiet u għal oħrajn kienu 'absent'. u kellek xi ftit li ma pparteċipaw fl-ebda eżami.

Xehdet ukoll **Sandra Ebejer**, Direttur tal-Learning and Assessment Programmes (sed. 22/7/2021), li esebiet it-tliet Letter Circulars fuq indikati u lil min intbagħtu. 'Inter alia' din iddikjarat li l-eżerċizzju intiż għall-skop ta' projected marking kellu konnessjoni speċifika ma l-iSchool Leaving Certificate, kif hekk indikat fiċ-Ċirkolarijiet, liema projected marking kellu jinbena fuq kemm jattendu tfal għall-eżamijiet. Qalet li kien il-Professur Borg li ħadem dak l-eżerċizzju, li eventwalment intbagħat lill-EAU (Education Assessment Unit) u minn hawn

intbagħat lill-iskejjel sabiex jiddaħħal fil-MySchool (sistema diġitali fejn it-teachers jew il-clerks jimputtjaw il-marki tal-istudenti). Tenniet li dak l-eżerċizzju kien maħsub għall-studenti vulnerabbli, li minħabba l-pandemija ma attendewx l-iskola jew għall-eżamijiet annwali. Hekk kienet il-qagħda meta ħarġet iċ-Ċirkolari ta' April, iżda imbagħad f'Mejju, dejjem skond din ix-xhud, kien hemm laqgħa tal-Education Leadership Committee (ELC) fejn il-Prinċipali qablu li kull student li ma qghadx għall-eżamijiet għandu jkollhom l-elaborazzjoni tal-marki bażata fuq l-aħħar tliet snin, sabiex dawn ukoll ikollhom l-opportunita' li jsibu xogħol jew ikomplu għal MCAST jew l-ITS. Żiedet tgħid li ma rċeviet l-ebda "complaint" la mingħand il-Kapijiet tal-Iskejjel, la mingħand il-MUT u lanqas mingħand il-ġenituri tal-istudenti wara li ntbagħtu t-tliet Letter Circulars dwar kif kien proġettat li jsir l-eżerċizzju.

Issa fil-kors tax-xhieda tiegħu **Marco Bonnici** qal li *"dik l-informazzjoni fuq predicted marks ma waslitx għandna fl-ebda ħin u ċ-ċirkulari, mill-feedback li għandna aħna, ma waslitx għand l-għalliema; waslet għand il-kapijiet tal-iskejjel".* Aktar il-quddiem igħid li ċ-ċirkolarijiet ma irċevihomx fil-mailbox tiegħu. L-istess ħaġa tistqarr Elaine Germani, anki jekk taċċetta, wara li ġiet ri-prodotta (sed. 6/8/2021) illi dawn intbagħtu lil-MUT. Jidher li d-diverbju prinċipali tagħha jikkampa fuq il-fatt illi dawk iċ-ċirkolarijiet ma ġewx diskussi magħhom (MUT) qabel ma intbagħtu. Bi kliem jixxiebaħ jafferma Marco Bonnici, fejn igħid illi *"kieku dak il-proċess ġie għandna qabel ma ħareġ u kien hemm konsultazzjoni magħna aħna ma konna qatt ser naqblu li jkun hemm dak it-tip ta' proċess".*

Minn naħa tiegħu **Joseph Ellul**, Kap tal-Iskola tas-Sekondarja Verdala fi hdan il-Kulleġġ Santa Margerita, iddikjara (sed. 6 ta' Awwissu, 2021) illi ċ-Ċirkolarijiet fuq referenzjati inġiebu għall-attenzjoni tal-għalliema jew fi staff briefing (fil-kaz taċ-Ċirkolari tat-13 ta' Marzu jew permezz ta' email (fil-kaz tal-Letter Circulars tal-22 ta' April {hawn anessa} u tal-15 ta' Ġunju). Din tal-aħħar pero' huwa bagħtha lill-għalliema fl-14 ta' Lulju, 2021, wara li kienu diġa' "inputted" il-projected marks fil-MySchool. u dan wara li lmenta miegħu wieħed mill-għalliema tal-istess skola. Jissokta jgħid illi huwa informa wkoll lill-ġenituri permezz ta' telefonati. Żied itenni li minn korp studentesk ta Year 11 ta' 134, kienu biss 20 li ma qagħdux għall-eżami u ngħataw "projected mark". Huwa spjega illi l-ebda marka ma nbiddlet u ma sar l-ebda tbagħbis għaliex l-iskola ippubblikat il-marki ta' min għamel l-eżami u kien hemm pubblikazzjoni oħra tar-riżultati wara li ddaħħlu l-projected marks mill-clerks. Skond dan ix-xhud l-lanjanzi ewlenin tal-għalliem/a kienet dwar il-fatt li meta reġa' ġew ippubblikati *"ma kienx hemm indikat li din hija projected mark"* u wkoll li bil-projected mark student/i ġabu marki ogħla minn min effettivament qagħad għall-eżami. Ikompli jistqarr illi l-fatt tal-introduzzjoni tal-projected mark fir-riżultat dan ma kienx ser jaffettwa għal skop ta' "prizes" lil min ġie *"l-first, second u third għal min qagħad għall-eżami".*

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Bħala l-ewwel osservazzjoni huwa bil-wisq evidenti illi l-unika skola sekondarja minn fejn oriġina l-ilment dwar l-mod tal-implimentazzjoni tal-marki tal-Year 11 kien mill-iskola tas-Sekondarja tal-Verdala fi ħdan il-Kulleġġ Santa Margerita. Almenu, hekk ġie identifikat minn Marco Bonnici President tal-MUT. Li jfisser illi minn ebda skola sekondarja oħra ma ġew sollevati doljanzi.

Bit-tieni osservazzjoni, kif din tinżel mill-istat tal-provi mressqa, huwa distintement ċar illi t-tliet Letter Circulars fuq referenzjati intbagħtu, u ġew riċevuti, sija mill-Prinċipali u l-Kapijiet tal-Iskejjel, kif ukoll mill-Unions, fosthom l-MUT. Jekk, kif xehdu l-mexxejja ta' din il-Union, c-Cirkolarijiet ma wasslux ghandhom personalment, din hi materja li jridu jqisuha internament. Il-fatt mistqarr minnhom li huma dawn l-Letter Circulars ma rawhomx, meta min kien responsabbli fl-istess Union kellu jassigura li jitwasslu ghandhom, ma ghandux legittimament jigi ritort kontra l-MFED. Intant, dwarhom ma kien hemm l-ebda reazzjoni. La pozittiva, u lanqas negattiva.

Bit-tielet osservazzjoni huwa daqstant ieħor ċar, kif desunt ukoll mill-provi attendibbli, illi, kuntrarjament għal dak asserit mir-rapprezentanti tal-MUT, l-għalliema tal-imsemmija skola kienu xjenti tal-eżerċizzju li kien ser isir dwar "projected marking" għaliex il-Kap tal-iskola bagħtilhom email li magħha kienet mehmuża l-Letter Circular (Ref: DLAP 108/2021) tat-22 ta' April, 2021, u f'din jingħad li dawk l-istudenti ta' Year 11 li ma setgħux joqogħdu għal xi eżami/eżamijiet kien ser ikollhom marka bażata fuq elaborazzjoni tar-riżultati ottenuti fis-sentejn preċedenti. Kienu jafu wkoll illi, kif jingħad fl-imsemmija ċirkolari, l-eżerċizzju kien ser isir mill-EAU *"with the resultant marks being sent to school for inputting in MySchool.*

Stabbiliti dawn l-osservazzjonijiet, fil-fehma tal-Bord il-qofol tal-kwistjoni tipprospetta ruħha fuq il-konsiderazzjoni illi fit-tfassil tal-"inputting" tal-"projected scores" l-iskejjel ma ngħatawx direttiva ċara illi fir-riżultat, fejn jokkorri, il-marka kienet waħda "projected", bil-konsegwenza li ġie jidher li dik il-marka ingħatat mill-għalliem. Veru li kien hemm xi skejjel li talbu l-gwida tax-xhud Chris Borg, iżda fiċ-ċirkustanzi kien altament indikat bħala miżura ta' diligenza imposta mir-rispett versu l-għalliema illi l-iskejjel kellhom ikunu istruwiti sew illi fir-riżultat jiddaħħal imqar kumment li l-marka mogħtija skond l-eżerċizzju magħmul kienet waħda "projected" u mhux mogħtija mill-għalliem/a. U dan bħal kumplament ta' dawk it-12% tal-istudenti li għandhom nota f'dan is-sens, u dwar liema alluda għaliha Chris Borg fix-xhieda tiegħu.

Tezisti ukoll mankanza ta' informazzjoni fil-ħsieb tal-Bord. Din tikkonsisti fil-fatt illi filwaqt li skond l-imsemmija Ċirkolari l-intendiment kien li jiġu assistiti biss dawk l-istudenti vulnerabbli li minħabba l-pandemija ma setgħux joqogħdu għall-eżami/eżamijiet, effettivament l-eżerċizzju sar ukoll fil-każ ta' numru żgħir ta' studenti li ma kienux jaqgħu f'dik il-kategorija. La kien hemm qbil f'Mejju (u allura *post facto* dik iċ-Ċirkolari ta' April) li jsir dan fil-laqgħa tal-Education Leadership Committee, l-anqas li kellu jsir huwa li tintbagħat Ċirkolari oħra bit-tagħrif illi l-"projected marks" ser jingħataw ukoll lil dawk l-istudenti li ma kienux meqjusa vulnerabbli u li ma għamlux l-eżamijiet.

Dak li issa hu importanti li jiġi determinat bħala element neċessarju fil-każ ta' din l-investigazzjoni huwa jekk fuq il-bażi fattwali l-MUT kelliex raġun fl-addebitu illi l-proċedura eżegwita kienetx waħda "dubbjuża" u "abużiva" u l-motiv tagħha kwestjonabbli. Fil-ħsieb ponderat ta' dan il-Bord, fir-rifless tal-kompless tal-provi, din l-allegazzjoni tal-MUT la hi attendibbli u wisq anqas fondata. Gja ingħad aktar 'il fuq illi l-Kapijiet tal-iskejjel sekondarji kienu notifikati bit-tliet Letter Circulars, u dawn minn naħa tagħhom għarrfu bihom lill-għalliema. Veru li kien hemm nuqqas ta' direttiva ċara dwar l-"inputting" tal-marki u nuqqas ta' informazzjoni tat-twessigħ tal-eżerċizzju fil-kaz ta' xi studenti li ma kienux ukoll vulnerabbli, iżda dan, bl-ebda mod tal-immaginazzjoni, fertili kemm hi fertili, ma jista' qatt jogħla għal-livell ta' proċedura dubbjuża u abużiva. Rilevanti li jiġi sottolinejat illi l-fatti saljenti hawn fuq brevement ri-epilogati ma jwasslux għal dan. Wieħed jista' jargomenta jekk l-eżerċizzju adoperat kienx wieħed idoneju jew le, iżda dan ma jaqax fil-kompitu ta' dan il-Bord. Jibqa' l-fatt ovvju illi meta kemm il-kapijiet tal-iskejjel, kif ukoll il-għalliema u l-Union tagħhom kienu konsapevoli tat-tfassil ta' dak l-eżerċizzju, hekk maħsub prinċipalment għal-fini tal-SSC&P (Secondary School Certificate and Profile), ħadd minnhom ma rreaġixxa għalih jew ressaq oġġezzjoni dwaru *'a tempo debito'*. Lanqas ma għandu jisfuġġi l-fatt illi minn tant skejjel sekondarji pubbliċi kienet biss waħda li ġiet senjalata. U jidher ukoll, fuq ix-xhieda ta' Joseph Ellul, li kien għalliem wieħed partikolari li qajjem ilment miegħu wara li ġew "inputted" il-projected marks.

**RAKKOMANDAZZJONIJIET :**

1. Il-marki tal-istudenti fuq " My School" li huma indikati bhala "Projected Marks" ma ghandhomx jigu ikkunsidrati ghall-finijiet ta' premjazzjonijiet.

2. Ic-cirkularijiet, specjalment ta' natura sensittiva, bhal ma kienu fuq din l-issue ta' "projected marks" ghandhom ikunu cari u li jindikaw li dawn jorbtu ma cirkularijiet precedenti .

3. F'kaz li jkun hemm tibdil fid-direzzjoni, l-ufficjali u l-kapijiet tal-iskejjel ghandhom ikunu mgharrfa b'dan it-tibdil b'cirkulari li tindika car dan it-tibdil.

4. Il-kapijiet tal-iskejjel ghandhom ir-responsabbilta' li jiccirkulaw ic-cirkularijiet lill-impjegati li jaqghu tahthom.

5. Ic-cirkularijiet li johorgu mid-dipartimenti ghandhom jigu publikati fuq l-Ilearn Platform u l-website tal-Ministeru.

6. Ghandu ikum hemm aktar kommunikazzjoni u kollaborazzjoni effettiva bejn l-ufficjali tad-Dipartimenti qabel ma johorgu cirkularijiet li jinvolvu d-dipartimenti koncernati.

7. Ghandu ikun hemm aktar ko-ordinament bejn id-Directorate for Educational Services (DES), Directorate for Learning and Assessment Programmes (DLAP) u l-Information Management Unit (IMU).

8. L-ufficjali tad-dipartimenti li fil-hidma taghhom ikollhom kuntatt dirett mal-iskejjel ghandhom ikollhom gharfien tajjeb ta' kif tahdem is-sistema ta' "My School".

9. Ghandhom jinzammu l-minuti tal-laqghat kollha li jsiru bejn l-ufficjali tad-dipartimenti tal-Edukazzjoni mal-Unions u laqghat ufficjali ma imsiehba ohra.

--------------------------------
Judge Emeritus Dr. Philip Sciberras – Chairman

-----------------------------------
Mr. George Borg - Member

------------------------------------
Ms. Anna Maria Gilson – Member

-------------------------------------
Mr. Charles Cilia - Secretary

13 ta' Awwissu, 2021